C/2024/6862

28.11.2024

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Fond ta' investiment tal-UE għar-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività sostenibbli

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2024/6862)

Relatur: **Dominika BIEGON**

Konsulenti	Cedric KOCH, għar-relatur Nils REDEKER, għall-Grupp II
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	18.1.2024
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Unjoni Ekonomika u Monetarja u l-Koeżjoni Ekonomika u Soċjali
Adozzjoni fis-sezzjoni	6.9.2024
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	18.9.2024
Sessjoni plenarja Nru	590
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	145/2/4

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

1.1. L-iżgurar u t-titjib tal-kompetittività sostenibbli u tar-reżiljenza huma waħda mill-isfidi ewlenin li s-Suq Uniku tal-UE se jiffaċċja matul il-ftit snin li ġejjin. Fuq kollox, it-tibdil fil-klima sar kwistjoni ta' urġenza u jitlob tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomiji tagħna. Filwaqt li l-UE stabbiliet għanijiet ambizzjużi fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni, tar-reżiljenza u tal-kompetittività sostenibbli, id-diskrepanza fil-finanzjament għadha mażżra għall-ambizzjoni għolja tal-UE li tagħmel is-Suq Uniku adattat għall-futur.

1.2. Il-biċċa l-kbira tal-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika se jkollhom jiġu mis-settur privat. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE ttejjeb il-kundizzjonijiet qafas għall-investimenti privati fis-Suq Uniku. Dan jinkludi l-implimentazzjoni ta' komponenti ċentrali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, it-tlestija tal-unjoni bankarja, l-integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija, jitħaffu l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u jitnaqqas il-piż regolatorju waqt li jiġu ppreservati l-istandards soċjali. Fl-istess ħin, huma meħtieġa ammonti sostanzjali ta' finanzjament pubbliku biex jiġu skattati investimenti privati f'żoni fejn għad ma hemmx argument għall-vijabbiltà għal soluzzjonijiet newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u f'setturi strateġiċi li fihom il-produzzjoni kieku sseħħ f'reġjuni dinjija li jikkompetu ġeoekonomikament fejn id-dipendenzi jistgħu jiġu abbużati. Barra minn hekk, il-fondi pubbliċi huma kruċjali għall-investimenti fl-infrastruttura (eż. fil-grilji jew fil-pipelines tal-idroġenu) u fi prodotti pubbliċi oħra li l-atturi tas-suq ma għandhom l-ebda inċentiv li jipprovdu, iżda li jistgħu joħolqu l-kundizzjonijiet għall-atturi tas-suq biex jiffjorixxu u jinvestu aktar fl-oqsma rispettivi tagħhom.

1.3. Ir-regoli fiskali l-ġodda tal-UE mhux se jżidu l-ispazju fiskali għall-investimenti biżżejjed biex ineħħu d-diskrepanza fl-investiment fil-livell tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, il-finanzjament tal-UE għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali se jonqos b'mod sinifikanti wara l-2026 meta tiskadi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

1.4. Għalhekk, il-KESE jaqbel li biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u li tiffavorixxi t-tkabbir b'rabta mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat, il-qafas legali l-ġdid iffukat fuq il-kontroll tal-livelli tad-dejn u tad-defiċit irid jiġi kkomplementat b'kapaċità ta' investiment immirata fil-livell tal-UE, bil-għan li tiżdied il-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza ekonomika tas-Suq Uniku tal-UE.

1.5. Il-KESE jipproponi li jiġi stabbilit fond ta' investiment tal-UE bħala parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss. Għandu jkollu l-għan li jipprovdi riżorsi finanzjarji għal proġetti ta' investiment li huma ta' interess strateġiku Ewropew. Il-KESE jipproponi sett ta' kriterji li jiggwidaw il-prijoritizzazzjoni u l-għażla tal-investimenti taħt il-kapaċità ta' investiment futura tal-UE.

1.6. Il-KESE identifika erba' oqsma ta' investiment li jistħoqqilhom finanzjament fil-livell tal-UE minn fond ta' investiment futur tal-UE: a) proġetti infrastrutturali transfruntiera b) investimenti biex titlesta l-unjoni tal-enerġija c) investimenti biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industriji Ewropej d) investimenti fil-kwalifiki u fit-taħriġ.

1.7. Il-fond ta' investiment tal-UE għandu jiġi ffinanzjat minn taħlita ta' riżorsi, inklużi kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri, riżorsi proprji ġodda u ħruġ ta' dejn konġunt tal-UE.

1.8. L-istrumenti tal-fond ta' investiment tal-UE jinkludu appoġġ finanzjarju permezz ta' self b'rata tal-imgħax baxxa, garanziji u sussidji mmirati għall-kumpaniji, investiment pubbliku fl-ekwità, u għotjiet u self li permezz tagħhom il-gvernijiet tal-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw kemm miżuri ta' appoġġ domestiċi mmirati kif ukoll proġetti ta' investiment pubbliku. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-finanzjament ta' proġetti ta' investiment transfruntiera.

1.9. L-effettività u l-aċċettabbiltà tal-istrumenti finanzjarji jiddependu b'mod kruċjali fuq l-użu strateġiku tal-fondi pubbliċi biex jintlaħqu l-objettivi komuni tal-ordni pubbliku. Għalhekk, l-iżborż ta' flus mill-fond ta' investiment propost tal-UE għandu jkun soġġett għal kriterji soċjali. Dawn il-kriterji soċjali jridu jirrispettaw il-varjetajiet tad-djalogu soċjali fl-Istati Membri u ma jridux iwasslu għal diskriminazzjoni mhux dovuta kontra ċerti tipi ta' kumpaniji jew Stati Membri. Il-kumpaniji jista' jkollhom jissodisfaw ċerti kriterji soċjali biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-UE jew biex jiksbu premju addizzjonali. Dawn jistgħu jinkludu ż-żamma tas-sit u l-garanziji tal-impjieg, miżuri ta' kwalifiki u taħriġ, miżuri biex tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema jew ftehimiet kollettivi. B'dan il-mod, il-finanzjament pubbliku għat-trasformazzjoni huwa mmirat b'mod konsistenti lejn il-ħolqien u ż-żamma ta' impjiegi deċenti, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika.

2. **Kuntest u sfond**

2.1. L-iżgurar u t-titjib tal-kompetittività sostenibbli u tar-reżiljenza huma waħda mill-isfidi ewlenin li s-Suq Uniku tal-UE se jiffaċċja matul il-ftit snin li ġejjin. Dawn l-isfidi jridu jitqiesu fl-isfond tat-tibdil fil-klima li sar kwistjoni urġenti, li titlob tranżizzjoni ekoloġika fl-ekonomiji tagħna. Bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u bil-programm "lesti għall-mira ta' 55 %", l-UE ġustament stabbiliet għanijiet klimatiċi ambizzjuži li joħolqu sfidi enormi għall-ekonomiji Ewropej. Filwaqt li d-direzzjoni u l-miri huma ċari, il-Patt Ekoloġiku Ewropew għad għandu problema ta' finanzjament. Bl-istess mod, it-tranżizzjoni diġitali tas-Suq Uniku ġustament ġiet segwita bħala prijorità ewlenija permezz tal-Istrateġija Diġitali tal-UE, id-Deċennju Diġitali u l-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali. Madankollu, hawnhekk ukoll hawn problema ta' finanzjament. Fiż-żewġ oqsma ta' trasformazzjoni, żdiedu pressjonijiet kompetittivi ġodda minħabba politika industrijali fuq skala kbira implimentata minn kompetituri ekonomiċi ewlenin. Fl-aħħar nett, f'dawn l-aħħar snin tfaċċaw punti dgħajfin ġeoekonomiċi li jheddu r-reżiljenza tas-Suq Uniku. Bi tweġiba, l-UE ġustament stabbiliet miri għal ktajjen tal-provvista strateġiċi u orjentati lejn il-futur, li għandhom ikunu bbażati parzjalment fi ħdan l-UE nnifisha. Dawn jinkludu l-miri stabbiliti fl-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti u l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP). Madankollu, tweġiba effettiva għal dawn il-pressjonijiet ġeoekonomiċi u r-riskji għall-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza hija mxekkla minn problemi ta' finanzjament.

2.2. Sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE u titwettaq it-trasformazzjoni diġitali, l-istokk kapitali jeħtieġ li jiġi rivedut. Dan jinvolvi espansjoni massiva fl-investimenti. Biex l-Ewropa tilħaq il-miri klimatiċi tagħha għall-2030 u tiddekarbonizza s-settur tal-elettriku tagħha, il-Kummissjoni Ewropea stmat li l-investiment ġenerali jeħtieġ li jkun madwar 4 % tal-PDG kull sena sal-2030 ([1]). Reċentement, l-Istitut Rousseau ħareġ stima li d-diskrepanza fl-investiment għall-UE biex tikseb emissjonijiet żero netti hija ta' madwar 2,3 % tal-PDG kull sena sal-2050, inkluża diskrepanza ta' kważi 4 % tal-PDG sal-2030. Madankollu, dawn l-istudji kollha jikkwantifikaw biss l-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomiji Ewropej. Jinħolqu rekwiżiti addizzjonali ta' investiment jekk jitqiesu wkoll għanijiet u sfidi politiċi importanti oħra, bħat-trasformazzjoni diġitali, iż-żieda fir-reżiljenza ekonomika billi l-produzzjoni tiġi ankrata fl-UE, l-investimenti soċjali fil-ħiliet u l-edukazzjoni u l-ħtieġa li jsir investiment fil-kapaċitajiet ta' difiża, kif ukoll l-isfidi separati tal-ħarsien tal-ambjent sabiex tiġi miġġielda l-kriżi tal-bijodiversità, u l-investimenti dejjem aktar neċessarji fl-adattament għat-tibdil fil-klima. B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet ta' finanzjament mistennijin jikbru b'mod drammatiku fis-snin li ġejjin. F'dan il-kuntest, din l-Opinjoni tiffoka fuq il-ħtiġijiet ta' finanzjament marbuta mat-tranżizzjoni lejn Suq Uniku kompetittiv b'mod sostenibbli u reżiljenti, u tfassal rakkomandazzjonijiet ta' politika biex titneħħa d-diskrepanza fl-investiment relatata ma' din l-isfida ta' politika fl-UE.

([1]) Kummissjoni Ewropea (2023): *Strategic Foresight Report 23 – "Sustainability and wellbeing at the heart of Europe's Open Strategic Autonomy"* (Rapport ta' Prospettiva Strateġika 23 – Is-sostenibbiltà u l-benesseri tan-nies fil-qalba tal-Awtonomija Strateġika Miftuħa tal-Ewropa [mhux disponibbli bil-Malti]).

2.3. Il-biċċa l-kbira tal-investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika se jkollhom jiġu mis-settur privat. Għalhekk, jeħtieġ li l-UE ttejjeb il-kundizzjonijiet qafas għall-investimenti privati fis-Suq Uniku. Sabiex tagħmel dan, għandha tipprijoritizza l-istabbiliment ta' Unjoni tas-Swieq Kapitali biex tiżviluppa s-suq għall-kapital ta' riskju, l-ekwitajiet u l-bonds, tiffaċilita l-investimenti transfruntiera, tipprovdi kundizzjonijiet ta' finanzjament aħjar għan-negozji ġodda u għan-negozji li qed jespandu, u tagħmel lill-UE aktar attraenti għall-investimenti barranin. Dan jinkludi t-tnaqqis tal-frammentazzjoni legali permezz ta' pressjoni għal koordinazzjoni tal-liġi nazzjonali dwar it-taxxa, l-insolvenza u l-kuntratti, ħidma lejn superviżjoni aktar ċentralizzata tas-swieq kapitali, u esplorazzjoni tal-possibbiltajiet għal prodotti tat-tfaddil Ewropej. It-titjib tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament privat se jinvolvi wkoll it-tisħiħ tas-sistema bankarja Ewropea billi titlesta l-unjoni bankarja u tiġi stabbilita skema Ewropea ta' assigurazzjoni tad-depożiti. Biex tistimula l-investimenti privati f'setturi strateġiċi u tixpruna t-tkabbir tal-produttività, jeħtieġ ukoll li l-UE tagħmel progress fl-integrazzjoni tas-suq Ewropew tal-enerġija u tneħħi kwalunkwe ostaklu li jifdal għall-attività transfruntiera fis-Suq Uniku, speċjalment dak li jxekkel it-tixrid tas-servizzi diġitali u l-innovazzjoni. Fl-aħħar nett, l-investiment privat għandu jitħeġġeġ billi jitħaffu l-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi u jitnaqqsu r-rekwiżiti regolatorji u ta' rapportar, speċjalment għall-kumpaniji żgħar u ta' daqs medju fil-każi fejn tali rekwiżiti ma jkollhomx benefiċċju soċjali, ambjentali jew klimatiku ċar.

2.4. Dawn il-miżuri se jkunu effettivi sew biex iqanqlu l-investimenti privati neċessarji. Madankollu, waħedhom mhumiex se jkunu biżżejjed biex ineħħu d-diskrepanza fil-finanzjament. Huma meħtieġa ammonti sostanzjali ta' finanzjament pubbliku biex jiskattaw investimenti privati f'oqsma li fihom għad ma hemmx argument għall-vijabbiltà għal soluzzjonijiet newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u f'setturi strateġiċi fejn il-produzzjoni kieku sseħħ f'reġjuni dinjija li jikkompetu ġeoekonomikament fejn id-dipendenzi jistgħu jiġu abbużati. Barra minn hekk, il-fondi pubbliċi huma kruċjali għall-investimenti fl-infrastruttura (eż. fil-grilji jew fil-pipelines tal-idroġenu) u fi prodotti pubbliċi oħra li l-atturi tas-suq ma għandhom l-ebda inċentiv li jipprovdu, iżda li jistgħu joħolqu l-kundizzjonijiet għall-atturi tas-suq biex jiffjorixxu u jinvestu fl-oqsma rispettivi tagħhom. Waqt li l-mezz ewlieni għall-finanzjament tat-tranżizzjoni tal-UE għandu jkun l-investimenti mis-settur privat, il-biċċa l-kbira tal-istudji jistmaw li biex jiġi lliberat biżżejjed finanzjament privat huwa meħtieġ tal-anqas sehem ta' 25-60 % ta' finanzjament pubbliku, skont x'ikun is-settur.

2.5. Pilastru ċentrali wieħed meħtieġ biex titneħħa id-diskrepanza fil-finanzjament huwa l-Istati Membri. Madankollu, hawnhekk, ir-regoli fiskali l-ġodda tal-UE jenfasizzaw il-kontroll tad-djun u tad-defiċits, aktar milli l-inċentivi għall-investiment. Ir-riżultat huwa titjib fuq is-sistema l-antika, iżda huwa ċar ukoll li r-regoli l-ġodda mhux se jżidu l-ispazju fiskali għall-investimenti b'mod suffiċjenti biex titneħħa d-diskrepanza fl-investiment fil-livell tal-Istati Membri. Għall-kuntrarju, l-istimi inizjali mill-Kummissjoni Ewropea juru li l-pressjonijiet tal-konsolidazzjoni fiskali se jiżdiedu b'mod sinifikanti fl-Istati Membri kollha fis-snin li ġejjin ([2]). Ir-riskju huwa li l-gwadanji mill-kisba ta' sett aktar kredibbli u effettiv ta' regoli fiskali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali jistgħu jiġu mminati jekk l-Istati Membri jsibu ruħhom f'pożizzjoni li ma jkunux jistgħu jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni. Dan iwassal għal anqas sjieda u konformità mar-regoli l-ġodda jew għal tranżizzjoni mdewma u, għalhekk, dejjem aktar għalja.

2.6. L-Istati Membri se jkomplu jibbenefikaw mid-dħul (li qed jikber) tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS), li l-Kummissjoni Ewropea stmat li se jiġġenera madwar EUR 220 biljun sal-2030, b'EUR 113-il biljun addizzjonali ġejjin mill-espansjoni tal-iskema għal setturi ġodda mill-2027 'il quddiem ([3]). Għalkemm dan id-dħul huwa sinifikanti, jammonta biss għal madwar 0,2 % tal-PDG tal-UE kull sena, li ċertament mhux biżżejjed biex jindirizza l-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali msemmijin hawn fuq. Dan id-dħul diġà huwa ppjanat parzjalment biex jiffinanzja l-Fond Soċjali Ewropew li għandu l-għan li jtaffi l-effetti sekondarji soċjali negattivi tal-ipprezzar tal-karbonju u l-Kummissjoni pproponiet li 30 % tad-dħul tal-ETS għandu jidħol fil-baġit tal-UE li jmiss bħala riżorsa proprja.

2.7. Pilastru ieħor biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament huwa l-iskemi ta' finanzjament tal-UE. L-UE diġà stabbiliet varjetà ta' skemi ta' finanzjament biex tgħin fil-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika. Hemm rekwiżit legali li tal-anqas 30 % tal-QFP jiġi allokat għall-azzjoni klimatika. Minbarra dan, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġiet stabbilita fl-2022 u saret l-akbar fond tal-UE li jappoġġja l-Patt Ekoloġiku. Kważi nofs il-fondi tal-UE maħsubin għall-investimenti klimatiċi jiġu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Madankollu, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza se tiskadi sa tmiem l-2026. Barra minn hekk, il-ħlas lura tal-bonds tal-UE għan-Next Generation EU se jibda fl-2028. Dan se jżid b'mod sinifikanti l-pressjoni fuq il-baġit tal-UE u jkompli jżid id-diskrepanza fil-finanzjament għall-Patt Ekoloġiku.

2.8. Għalhekk, il-KESE jaqbel li biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u li tiffavorixxi t-tkabbir tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir riformat, il-qafas legali l-ġdid iffukat fuq il-kontroll tal-livelli tad-dejn u tad-defiċit irid jiġi kkomplementat minn kapaċità ta' investiment immirata fil-livell tal-UE. Din il-kapaċità trid tiffoka fuq l-għoti tal-ispinta ta' finanzjament meħtieġa biex is-Suq Uniku jiġi orjentat lejn kompetittività aktar sostenibbli u reżiljenza. Il-KESE jaqbel ma' ħafna istituzzjonijiet oħra bħall-BĊE ([4]) u l-FMI ([5]) li hija meħtieġa kapaċità ta' investiment tal-UE sa mhux aktar tard mill-perjodu ta' wara l-2027. Din l-Opinjoni fuq inizjattiva proprja ttenni t-talbiet preċedenti tal-KESE għal kapaċità ta' investiment tal-UE ([6]) u tiżviluppa għażliet speċifiċi għall-perjodu ta' wara l-2027.

([2]) COM(2024) 600 final.
([3]) COM(2024) 163 final.
([4]) BĊE (2023): *The legal and institutional feasibility of an EU Climate and Energy Security Fund* (Il-fattibilità legali u istituzzjonali ta' Fond tas-Sigurtà tal-UE għall-Klima u l-Enerġija [mhux disponibbli bil-Malti]).
([5]) FMI (2023): *Euro Area Policies: 2023 Article IV Consultation-Press Release; Staff Report; and Statement by the Executive Director for Euro Area; IMF Country Report No. 23/264* (Politiki taż-Żona tal-Euro: 2023 Artikolu IV Konsultazzjoni – Stqarrija għall-Istampa; Rapport tal-Persunal; u Dikjarazzjoni mid-Direttur Eżekuttiv għaż-Żona tal-Euro; Rapport tal-Pajjiżi tal-FMI Nru 23/264 [mhux disponibbli bil-Malti]).
([6]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — It-tisħiħ ta' tkabbir inklużiv fit-tul permezz ta' riformi u investiment (ĠU C, C/2024/3378, 31.5.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/3378/oj).

2.9. Hemm tal-anqas tliet raġunijiet għaliex neħtieġu kapaċità ta' investiment fil-livell tal-UE. L-ewwel nett, il-kapaċità ta' investiment tal-UE biex tiffinanzja t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali se tikkontribwixxi għar-reżiljenza ekonomika, tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi tal-UE, u tisfrutta l-iskala neċessarja tas-Suq Uniku biex tissalvagwardja l-kompetittività tagħha fix-xena globali. It-tieni, il-kapaċità ta' investiment tal-UE hija neċessarja biex tiġi żgurata l-għaqda tas-suq intern u biex jiġu evitati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan l-UE ([7]). It-tielet, it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali qed tikkawża inċertezza mifruxa fost il-popolazzjoni u qed iżżid ir-reżistenza mis-setturi u mill-unitajiet domestiċi affettwati. Huma meħtieġa strumenti ta' ordni pubbliku biex jiġu ġestiti t-tranżizzjonijiet neċessarji fis-suq tax-xogħol, jinħolqu opportunitajiet ġodda għat-tkabbir u l-introjtu u jiġu kkumpensati dawk l-aktar milquta mit-trasformazzjoni ([8]). Inkella, hemm riskju li t-tranżizzjonijiet ekonomiċi jkomplu jżidu l-kunflitti distributtivi, u fl-aħħar mill-aħħar isaħħu l-forzi antidemokratiċi u populisti ([9]).

3. **Pilastri ewlenin ta' kapaċità ta' investiment futura tal-UE**

3.1. Il-kapaċità ta' investiment għandha tkun operazzjonali meta l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tiskadi fi tmiem l-2026, u għandha tiġi integrata fil-QFP 2028-2034 li jmiss. Idealment, għandha tiġi stabbilita biex tibqa' għaddejja sal-2050, marbuta direttament mal-għan maqbul tal-UE li tikseb emissjonijiet żero netti sa dak iż-żmien.

3.2. Il-KESE jipproponi li jiġi stabbilit fond ta' investiment tal-UE sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi Ewropej fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika. Għandhom jiġu ddefiniti kriterji ċari biex jiggwidaw il-prijoritizzazzjoni u l-għażla tal-investimenti taħt il-kapaċità ta' investiment futura tal-UE. Il-proġetti strateġiċi Ewropej għandhom ([10]):

(a) javvanzaw l-objettivi u l-prijoritajiet fit-tul tal-UE fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża d-dimensjoni soċjali tagħha ([11]);

(b) iżidu l-potenzjal tat-tkabbir tal-ekonomiji Ewropej fit-terminu medju u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom għal xokkijiet esterni fit-tul;

(c) jipprovdu valur miżjud Ewropew ċar, bħal benefiċċji transfruntiera sinifikanti, ekonomiji ta' skala, jew jindirizzaw diskrepanzi kritiċi fil-beni pubbliċi Ewropej;

(d) jikkomplementaw u jappoġġjaw investimenti Ewropej, nazzjonali jew reġjonali oħra biex itejbu l-koerenza u l-impatt ġenerali tal-isforzi ta' investiment strateġiku tal-UE.

3.3. B'mod speċifiku, il-fond propost għandu jipprovdi appoġġ finanzjarju fil-livell tal-UE biex jinċentiva kemm l-investimenti privati kif ukoll dawk pubbliċi fl-oqsma li ġejjin:

(a) Infrastruttura: l-investimenti fl-espansjoni u fil-manutenzjoni ta' infrastruttura transfruntiera li tiffunzjona kif suppost (b'mod partikolari s-servizzi ferrovjarji express transfruntiera) jaqdu rwol ċentrali fit-trasformazzjoni soċjoekoloġika ([12]).

(b) L-Unjoni tal-Enerġija: hemm bżonn ta' enfasi partikolari fuq l-investimenti biex titlesta l-Unjoni tal- Enerġija. Huma meħtieġa investimenti enormi għall-espansjoni tal-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-enerġiji rinnovabbli, l-espansjoni tal-ħżin tal-enerġija, il-kostruzzjoni ta' network ta' pipelines għall-idroġenu jew il-konverżjoni ta' networks eżistenti ta' pipelines tal-gass huma proġetti importanti b'valur miżjud Ewropew li jiġġustifikaw il-finanzjament fil-livell tal-UE.

([7]) Jäger, Jansen, Redeker (2023): *For climate, profits, or resilience? Why, where and how the EU should respond to the Inflation Reduction Act*.

([8]) Abou-Chadi, Jansen, Kollberg, Redeker (2024): *Debunking the Backlash - Uncovering European Voters' Climate Preferences*.

([9]) Bergmann, Diermeier, Kempermann (2023): *AfD in von Transformation betroffenen Industrieregionen am stärksten*, u Gold, Lehr (2024): *Paying Off Populism: How Regional Policies Affect Voting Behavior*.

([10]) Qafas kunċettwali simili għal kapaċità ta' investiment tal-UE huwa propost minn Demertzis/Pinkus/Ruer (2024) *Accelerating strategic investment in the European Union beyond 2026*, Bakker, Beetsma, Buti (2024): *Investing in European Public Goods While Maintaining Fiscal Discipline at Home*, Claeys u Steinbach (2024): *A conceptual framework for the identification and governance of European public goods*.; Koch et al. (2024), An EU Future Fund: Why and How? Background Paper of the Progressive EU Fiscal Policy Network (fes.de).

([11]) L-inizjattivi Ewropej reċenti li jiddefinixxu b'mod ċar il-prijoritajiet f'dan il-qasam huma l-*Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku*, l-*Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti*, il-*Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa* u l-*Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali*. Il-fond ta' investiment tal-UE għandu jipprovdi r-riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-objettivi fit-tul ddefiniti f'dawn l-inizjattivi.

([12]) Creel *et al*. (2020), *How to Spend it: A Proposal for a European Covid-19 Recovery Programme*.

(c) Politika industrijali: il-fond għandu jkollu komponent qawwi tal-politika industrijali. L-UE jeħtieġ li jkollha rwol attiv biex iżżomm il-prosperità fl-Ewropa u fl-istess ħin tagħmel l-ekonomija tal-UE adatta għall-futur ([13]). Għal dak l-għan, it-teknoloġiji futuri essenzjali għan-newtralità klimatika jridu jiġu promossi b'mod attiv. Il-finanzjament tal-UE għandu jiffoka fuq setturi li fihom l-UE tista' ssir kompetittiva internazzjonalment wara fażi temporanja ta' appoġġ, bħal fil-każ tal-produzzjoni taċ-ċelloli tal-batteriji jew is-suq għall-idroġenu nadif ([14]). Madankollu, l-iffukar biss fuq industriji tat-teknoloġija nadifa speċifiċi ma huwiex biżżejjed. Il-politika industrijali Ewropea għandha tappoġġja wkoll b'mod attiv l-ixpruni futuri tat-tkabbir f'oqsma tat-teknoloġija avvanzata. Il-fond propost tal-UE jista' jikkontribwixxi għal koordinazzjoni aħjar tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat u jkun l-ewwel pass lejn strateġija industrijali Ewropea integrata. L-allokazzjoni tal-appoġġ pubbliku għandha tkun kompetittiva u tuża strumenti mmotivati mis-suq bħal irkantijiet, offerti u miżuri simili għal krediti tat-taxxa. L-appoġġ jeħtieġ li jkun immirat u temporanju, il-progress irid jiġi mmonitorjat b'mod trasparenti, u l-iskemi jridu jinkludu kriterji ċari biex jitwaqqfu proġetti li ma jkunux irnexxew.

(d) Investimenti soċjali: Ir-ristrutturar soċjalment aċċettabbli tal-ekonomija tagħna jirnexxi biss jekk il-popolazzjoni fl-Istati Membri tkun ippreparata sew għal ħiliet ġodda. Għalhekk, l-azzjoni hija fundamentali fil-qasam tat-taħriġ ulterjuri u tat-taħriġ (mill-ġdid) tal-impjegati. Dawn it-tipi ta' investimenti soċjali jistgħu jgħinu biex jitneħħew l-ostakli għall-investimenti privati, peress li n-nuqqas ta' persunal b'ħiliet speċjalizzati għadu wieħed mill-ostakli ewlenin għall-investiment għall-kumpaniji fl-UE ([15]). Investimenti soċjali ta' dan it-tip jistgħu jżidu l-produttività tal-forza tax-xogħol potenzjali fuq terminu medju sa twil u għalhekk jippromovu t-tkabbir ekonomiku ([16]). L-espansjoni tal-investimenti soċjali f'dawn l-oqsma tista' tgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni tiegħu.

3.4. L-istrumenti għal kapaċità ta' investiment tal-UE għandhom ikunu jistgħu jippromovu kemm l-investimenti privati kif ukoll l-investimenti pubbliċi. Fil-prinċipju, il-kapaċità ta' investiment proposta tal-UE għandu jkollha grad għoli ta' flessibbiltà min-naħa tal-iżborż u tinkludi firxa ta' strumenti. Dawn għandhom jinkludu appoġġ finanzjarju permezz ta' self b'rata tal-imgħax baxxa, garanziji u sussidji mmirati għall-kumpaniji, investiment pubbliku fl-ekwità, u għotjiet u self li permezz tagħhom il-gvernijiet tal-Istati Membri jistgħu jiffinanzjaw miżuri ta' appoġġ domestiċi mmirati u proġetti ta' investiment pubbliku. Il-KESE jirrakkomanda wkoll is-semplifikazzjoni tar-regoli li jirregolaw l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji differenti tal-fond. Hija meħtieġa kooperazzjoni mill-qrib mal-Bank Ewropew tal-Investiment u mal-banek promozzjonali nazzjonali. Sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-UE, l-investiment privat u pubbliku jrid jinteraġixxi bl-aktar mod produttiv u effiċjenti possibbli biex b'mod konġunt jitneħħew id-diskrepanzi eżistenti.

3.5. Fond ta' investiment futur tal-UE għandu jinkludi programmi li huma amministrati direttament fil-livell tal-UE, b'mod partikolari f'oqsma li huma ta' rilevanza transfruntiera. Il-kumpaniji għandhom ikunu jistgħu japplikaw direttament għall-finanzjament tal-UE u jimplimentaw proġetti skont il-linji gwida u l-kriterji ddefiniti u kkontrollati fil-livell tal-UE. Jeħtieġ li jiġu implimentati miżuri sabiex il-kumpaniji fl-Istati Membri kollha jibbenefikaw minn skema ta' finanzjament bħal din, li toffri wkoll programmi speċifiċi għall-SMEs. L-iskemi ta' finanzjament amministrati direttament fil-livell tal-UE jistgħu jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-amministrazzjonijiet reġjonali u nazzjonali u jżidu l-kapaċità ta' assorbiment għall-finanzjament tal-UE. Għall-investimenti fl-infrastruttura, il-Proġetti ta' Interess Komuni (PCI) kurrenti u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa jistgħu jservu bħala pjan ta' azzjoni biex il-proġetti jintrabtu ma' finanzjament dirett fil-livell tal-UE, u għandhom jiġu estiżi. Bl-istess mod, l-UE diġà għandha strumenti biex tappoġġja lill-kumpaniji privati b'mod dirett permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni. Barra minn hekk, proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) jistgħu jiġu kofinanzjati permezz ta' strumenti fil-livell tal-UE. Billi tikkombina aktar finanzjament tal-UE ma' skemi ta' appoġġ nazzjonali, kapaċità ta' investiment imġedda tista' tnaqqas ir-riskju ta' kompetizzjoni inġusta, tiżgura l-iskala u tagħti prijorità lill-interessi Ewropej fir-rigward tal-politika industrijali tal-UE. Dan għandu jinkludi proġetti ta' interess komuni b'viżibbiltà għolja li jkopru l-UE kollha li jkunu ta' benefiċċju kemm għan-nies kif ukoll għall-pajjiżi kollha, bħal network ferrovjarju Ewropew ta' veloċità għolja u effiċjenti biex jgħin fid-dekarbonizzazzjoni tal-ivvjaġġar fl-UE u jkompli jintegra s-Suq Uniku.

3.6. Barra minn hekk, għandhom jiġu esplorati modi innovattivi ta' żborż tal-fondi tal-UE permezz ta' kanali oħra, li jibnu fuq l-esperjenza mill-Inflation Reduction Act (l-Att dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni) tal-Istati Uniti. L-Inflation Reduction Act jiffoka fuq il-ħruġ ta' krediti tat-taxxa lil kumpaniji skont kriterji definiti politikament. Dan għandu l-vantaġġ li jagħmel l-iżborż aktar veloċi u anqas dipendenti fuq il-kapaċità ta' assorbiment tal-gvern u amministrattiva, peress li l-parteċipanti fis-suq jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment direttament u sussegwentement jiġu kkumpensati mill-Istat. Il-KESE jissuġġerixxi li jiġi kkunsidrat jekk arranġamenti simili ta' rifużjoni tat-taxxa jistgħux jiġu implimentati fi ħdan is-sistema tal-UE, sabiex l-atturi tas-suq ikunu jistgħu jagħmlu użu effiċjenti mill-inċentivi tat-taxxa disponibbli fis-Suq Uniku kollu meta jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment.

([13]) *Antwerp declaration* (2024).
([14]) Jansen, Jäger, Redeker (2023): *For climate, profits, or resilience? Why, where and how the EU should respond to the Inflation Reduction Act*.
([15]) BEI (2024), *Investment report*, (Rapport dwar l-Investiment [mhux disponibbli bil-Malti]) p. 127.
([16]) Corti *et al.* (2022): *A Qualified Treatment for Green and Social Investments within a Revised EU Fiscal Framework*.

3.7. Mil-lat finanzjarju, il-KESE jqis li fond ta' investiment ġdid tal-UE għandu jiddependi fuq taħlita ta' għodod ta' finanzjament li kapaċi jaħdmu mas-settur privat u mal-Istati Membri biex ineħħu d-diskrepanzi eżistenti fl-investiment.

(a) Kontribuzzjoni tal-ING miżjuda b'mod sinifikanti mill-Istati Membri għandha tkun komponent wieħed ta' din l-istrateġija ta' finanzjament għal fond ta' investiment tal-UE ġdid. Peress li d-domandi fuq l-UE qed jiżdiedu b'qawwa f'oqsma bħad-difiża, l-industrija, ir-relazzjonijiet ekonomiċi esterni u l-klima, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw li jkun hemm żieda korrispondenti fil-finanzjament tal-istituzzjonijiet tal-UE.

(b) Barra minn hekk, riżorsi proprji ġenwini ġodda għall-UE huma kruċjali. Dan se jħallas lura l-imgħax u l-kapital wara l-2028 tad-djun tan-Next Generation EU mġarrba mill-fond għall-irkupru mill-pandemija u jiffinanzja l-investimenti addizzjonali meħtieġa biex jitneħħew id-diskrepanzi fl-investiment fit-tranżizzjoni permezz ta' bonds tal-UE. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw il-pakkett propost tal-Kummissjoni ta' riżorsi proprji ġodda, u jidentifikaw kandidati addizzjonali li jistgħu jpoġġu l-QFP li jmiss fuq bażi soda ([17]).

(c) Il-ħruġ ta' dejn konġunt tal-UE tnieda b'suċċess bħala strument innovattiv matul il-pandemija u jista' jiġi rripetut sabiex jiffinanzja l-kompetittività sostenibbli u r-reżiljenza tas-Suq Uniku ([18]). Studji ġodda jindikaw li jekk l-investimenti tal-UE għall-Patt Ekoloġiku jiġu ffinanzjati billi l-Kummissjoni toħroġ bonds tal-UE dan ikun jagħmel sens minn perspettiva makroekonomika ([19]) u huwa legalment vijabbli ([20]).

3.8. Dawn is-sorsi differenti għandhom jiġu kkombinati b'mod produttiv sabiex jiġi massimizzat l-impatt tagħhom f'termini ta' żieda effettiva fil-livelli ta' investiment privat u pubbliku. Ir-riżorsi proprji ġenwini tal-UE kif ukoll il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri jistgħu jservu bħala garanziji għall-BEI biex jingrana l-finanzjament bl-għan li jiżdied l-investiment privat. Dawn jistgħu jservu wkoll bħala garanziji li jippermettu lill-Kummissjoni Ewropea toħroġ bonds fuq skala suffiċjenti biex tneħħi d-diskrepanzi fil-finanzjament li fadal tal-fond ta' investiment il-ġdid u tħallas għotjiet lill-Istati Membri għal investimenti pubbliċi.

([17]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "It-tieni sett ta' riżorsi proprji ġodda" (ĠU C 293, 18.8.2023, p. 13) u dwar Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pakkett aġġustat għall-ġenerazzjoni li jmiss tar-riżorsi proprji" (COM(2023) 330 final) u "Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2020/2053 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea" (COM(2023) 331 final/2 – 2021/0430 (CNS)) (ĠU C, C/2024/884, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/884/oj).

([18]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-mument tal-Ewropa: Tiswija u Tħejjija għall-Ġenerazzjoni li Jmiss" (COM(2020) 456 final), "Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa" (COM(2020) 442 final); "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi Strument ta' Rkupru tal-Unjoni Ewropea insostenn tal-irkupru wara l-pandemija tal-COVID-19" (COM(2020) 441 final/2 — 2020/0111 (NLE)); "Proposta emendata għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027" (COM(2020) 443 final — 2018/0166 (APP)); "Proposta emendata għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema ta' Riżorsi Proprji tal-Unjoni Ewropea" (COM(2020) 445 final — 2018/0135 (CNS)); "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE, EURATOM) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014–2020" (COM(2020) 446 final — 2020/0109 (APP)); "Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni fih u t-tixrid tiegħu, Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-programm speċifiku li jimplimenta Orizzont Ewropa — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali, Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li jridu jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill" (COM(2020) 459 final — 2018/0224 COD) (ĠU C 364, 28.10.2023, p. 124), u Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u s-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97" (COM(2023) 240 final — 2023/0138 (COD)); "Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1467/97 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv" (COM(2023) 241 final — 2023/0137 (CNS)); "Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2011/85/UE dwar ir-rekwiżiti għal oqfsa baġitarji tal-Istati Membri" (COM(2023) 242 final — 2023/0136 (NLE)) (ĠU C, C/2023/880, 8.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/880/oj).

([19]) COM(2024) 82 final; ara wkoll IMF report (2023), p. 44, u IMK (2020): The Macroeconomic Effects of the EU Recovery and Resilience Facility.

([20]) Grund, Steinbach (2023): *European Union debt financing: leeway and barriers from a legal perspective*.

3.9. Fuq il-bażi ta' studji reċenti, kapaċità ta' investiment ġdida tal-UE għall-kompetittività sostenibbli u għar-reżiljenza ekonomika għandha tammonta għal tal-anqas 0,5 % tal-PDG tal-UE fis-sena. Din l-istima konservattiva hija dovuta għal diskrepanza fl-investiment totali ta' mill-inqas 5 % tal-PDG fis-sena għas-setturi msemmija hawn fuq u għal sehem ta' investiment pubbliku ta' 25 %, li jrendi diskrepanza fl-investiment pubbliku ta' mill-inqas 1,25 % tal-PDG fis-sena ([21]). Il-KESE jqis li l-livell tal-UE għandu jikkontribwixxi sehem sinifikanti tal-fondi meħtieġa biex jitneħħew id-diskrepanzi fl-investiment pubbliku. Dan se jiżgura li l-investimenti pan-Ewropej fit-trasformazzjoni tal-Istati Membri u fl-appoġġ għalihom ikun proporzjonat għall-iskala tas-Suq Uniku. Il-gvernijiet nazzjonali jkunu mistennija jġorru l-piż li jifdal f'termini ta' investimenti pubbliċi.

3.10. Bħalissa, l-UE tappoġġja primarjament lill-Istati Membri meta jiffinanzjaw investimenti klimatiċi permezz ta' partijiet mill-Fondi Strutturali u mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. F'dak li għandu x'jaqsam mal-governanza ta' dawn il-fondi, il-kapaċità ta' investiment il-ġdida għandha tibni fuq is-suċċessi ta' dawn il-fondi waqt li tindirizza wkoll id-dgħufijiet ewlenin tagħhom. B'mod speċifiku, il-KESE jirrakkomanda dan li ġej:

(a) Il-KESE jirrimarka li għandu jkun hemm kapaċità ta' investiment ġdida tal-UE fi ħdan il-QFP ġenerali biex jiġu żgurati l-akkontabbiltà u l-kontroll demokratiċi. Għandha ssegwi l-eżempju tal-Fondi Strutturali, aktar milli tkun veikolu ta' finanzjament estern separat bħall-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-Parlament Ewropew kellu rwol importanti fit-tfassil tal-prijoritajiet tal-Faċilità iżda l-involviment tiegħu fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fil-kontroll sussegwenti tal-fondi huwa minimu meta mqabbel mal-Kunsill. Ir-rwol primarju tal-Parlament Ewropew huwa limitat għall-ġbir ta' informazzjoni u għaż-żieda fit-trasparenza permezz ta' "djalogi dwar l-irkupru u r-reżiljenza" kif ukoll permezz tal-proċedura ta' kwittanza tal-baġit tal-UE tas-sena preċedenti.

(b) F'dak li għandu x'jaqsam mal-involviment tal-partijiet interessati, il-KESE jirrimarka li l-prinċipju tas-sħubija, kif stabbilit fil-Fondi Strutturali tal-UE, għadu kruċjali. Dan il-prinċipju jiżgura li l-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-soċjetà ċivili, l-imsieħba soċjali u, meta applikabbli, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-universitajiet ikunu involuti kif dovut. Il-kontribut tagħhom għen biex jitfasslu programmi mmirati lejn iċ-ċirkostanzi lokali u reġjonali, u huwa rikonoxxut bħala faċilitatur ta' tranżizzjonijiet sostenibbli bbażati fuq il-post, peress li huwa partikolarment importanti fil-fażi tal-analiżi tal-ħtiġijiet u tal-iżvilupp tal-prijoritajiet ([22]). Għal fond ta' investiment ġdid tal-UE, dan il-prinċipju għandu jiġi applikat fil-livell tal-UE, biex b'hekk jiġu żgurati l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni kemm fit-tfassil ta' setturi u ta' proġetti ta' prijorità, u kif ukoll fil-fażi ta' implimentazzjoni. Abbażi tal-eżempju ta' programmi oħra, għandu jkun hemm obbligu li jiġi stabbilit kumitat ta' monitoraġġ (jew korpi simili) jew li jiġu involuti dawk diġà stabbiliti f'oqsma oħra. Il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar is-Sħubija tal-2014, li jipprovdi l-bażi għall-operat tal-kumitati ta' monitoraġġ, għandu jiġi rivedut biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju tas-sħubija fl-Istati Membri kollha ([23]).

(c) Il-KESE jqis li l-ibbaġitjar abbażi tal-prestazzjoni għandu jkompli jiġi implimentat fil-politika ta' investiment futura tal-UE ([24]). Madankollu, l-indikaturi tal-prestazzjoni għandhom primarjament ikunu relatati mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-faċilità. Jekk l-iżborż ta' fondi tal-UE jkun marbut ma' riformi strutturali aktar speċifiċi, il-prijoritajiet tar-riforma jridu jiġu deċiżi permezz ta' proċeduri demokratiċi li jinkludu lill-parlamenti u lis-soċjetà ċivili organizzata ([25]).

(d) Il-KESE jaqbel li l-iżborż ta' fondi tal-UE permezz ta' kapaċità ta' investiment ġdida jrid ikun marbut ma' kundizzjonijiet. L-ewwel nett, il-finanzjament kollu irid ikun marbut mal-kundizzjoni tal-konformità mal-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt. Għalhekk, il-pagamenti taħt l-istrumenti l-ġodda għandhom jaqgħu taħt ir-Regolament dwar il-Kundizzjonalità Baġitarja u l-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tirrifjuta l-approvazzjoni tal-fondi tal-UE jekk l-istandards tal-istat tad-dritt ma jintlaħqux. It-tieni, il-finanzjament tal-UE għandu jkun kundizzjonali fuq finanzi pubbliċi sodi fil-livell tal-Istati Membri, kif speċifikat u maqbul fir-regoli fiskali l-ġodda tal-UE. B'dan il-mod is-sistema ta' governanza ekonomika tal-UE tista' tittejjeb u l-għan li jitrawmu finanzi ekonomiċi sodi jista' jiġi rikonċiljat bl-għan li jiġi żgurat biżżejjed finanzjament għal investimenti ta' interess strateġiku Ewropew.

([21]) Ara l-kalkoli u s-sorsi tad-data: https://library.fes.de/pdf-files/international/21274.pdf.

([22]) Kummissjoni Ewropea (2024): *Case study on the functioning of the RRF and other EU funds* (Studju tal-każ dwar il-funzjonament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE [mhux disponibbli bil-Malti]).

([23]) Rapport ta' evalwazzjoni tal-KESE *Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*.

([24]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Proposti ta' riforma u investiment u l-implimentazzjoni tagħhom fl-Istati Membri – x'inhi l-fehma tas-soċjetà ċivili organizzata? (iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2023-2024) (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C, C/2024/4054, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/4054/oj).

([25]) Għal proposti ta' riforma tanġibbli dwar id-demokratizzazzjoni tal-governanza ekonomika tal-UE mingħajr ma jinbidlu t-Trattati tal-UE, ara Dawson (2023): *How To Democratise Europe's Fiscal Rules*.

(e) Il-KESE jirrimarka wkoll li l-politika ta' investiment tal-UE taħdem aħjar fil-prattika jekk il-fondi tal-UE jipprovdu għall-kapaċità amministrattiva u għall-assistenza teknika tagħhom stess, inkluż fl-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri. Hija meħtieġa wkoll assistenza teknika għas-soċjetà ċivili, biex tkun tista' tipparteċipa b'mod effettiv fil-monitoraġġ tal-korpi li jiggwidaw u jikkontrollaw l-iżborż tal-fondi tal-UE fil-livell nazzjonali u tal-UE ([26]). Approċċ koordinat tal-UE biex jiġu indirizzati l-lakuni fil-kapaċità huwa essenzjali għall-koeżjoni u biex tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku.

3.11. Sabiex jiġu żgurati l-ogħla standards ta' governanza u tinbena l-fiduċja pubblika, il-kapaċità ta' investiment għandha tistabbilixxi wkoll mekkaniżmi robusti ta' trasparenza u ta' akkontabbiltà. Dawn għandhom jinkludu:

(a) Bord ta' sorveljanza indipendenti b'rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE, mill-Istati Membri u mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (inklużi l-imsieħba soċjali) biex jimmonitorja l-użu u l-impatt tal-fond;

(b) Rapportar pubbliku u trasparenti regolari dwar il-proġetti ffinanzjati, il-progress u l-eżiti tagħhom;

(c) Kriterji u linji gwida ċari għall-għażla tal-proġetti u għall-iżborż tal-fondi;

(d) Mekkaniżmi aċċessibbli tal-ilmenti u tal-appell għall-partijiet ikkonċernati;

(e) Evalwazzjonijiet ex post obbligatorji mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Billi tibni fuq dawn is-salvagwardji, l-UE tista' turi l-impenn tagħha għall-użu responsabbli u li jħalli impatt tal-fondi pubbliċi.

3.12. L-iżborż ta' flus mill-fond ta' investiment propost tal-UE għandu jkun soġġett għal kriterji soċjali. Dawn il-kriterji soċjali jridu jirrispettaw il-varjetajiet tad-djalogu soċjali fl-Istati Membri u ma jridux iwasslu għal diskriminazzjoni mhux dovuta kontra ċerti tipi ta' kumpaniji jew Stati Membri. Il-kumpaniji jista' jkollhom jissodisfaw ċerti kriterji soċjali biex ikunu eliġibbli għall-finanzjament tal-UE jew biex jiksbu premju addizzjonali. Dawn jistgħu jinkludu ż-żamma tas-sit u l-garanziji tal-impjieg, miżuri ta' kwalifiki u taħriġ, miżuri biex tittejjeb il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema jew ftehimiet kollettivi. B'dan il-mod, il-finanzjament pubbliku għat-trasformazzjoni huwa mmirat b'mod konsistenti lejn il-ħolqien u ż-żamma ta' impjiegi deċenti, u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni tat-tranżizzjoni ekoloġika. F'dan il-kuntest, il-KESE jaqbel mar-rapport ta' Letta ([27]), li jargumenta li l-effettività u l-aċċettabbiltà tal-istrumenti tal-għajnuna mill-Istat jiddependu mill-użu strateġiku tal-fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika komuni.

3.13. Il-fond ta' investiment tal-UE deskritt hawn għandu jissupplimenta b'mod utli partiti baġitarji oħra importanti b'mod partikolari l-Fondi Strutturali, u m'għandu bl-ebda mod jissostitwixxi jew jikkomprommetti lil dawn tal-aħħar. Waqt li hemm trikkib potenzjali bejn il-fondi strutturali u l-fond ta' investiment deskritt hawnhekk, id-diviżjoni tal-kompiti hija ċara fil-livell kunċettwali: il-fondi strutturali għandhom rwol importanti ħafna biex isaħħu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, il-fond tal-UE deskritt għall-kompetittività sostenibbli u għar-reżiljenza primarjament għandu l-għan li jiffinanzja proġetti ta' investiment li huma fl-interess strateġiku Ewropew u li jappartjenu għall-erba' setturi deskritti hawn fuq.

Brussell, it-18 ta' Settembru 2024.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Oliver RÖPKE

([26]) Kummissjoni Ewropea (2024): *Case study on the functioning of the RRF and other EU funds* (Studju tal-każ dwar il-funzjonament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE [mhux disponibbli bil-Malti]).

([27]) Letta (2024): *Much more than a market*, (Ħafna aktar minn suq [mhux disponibbli bil-Malti]), p. 39.